MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-8 ta' Dicembru, 2011

Numru. 78/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Geoffrey Azzopardi)**

**Vs**

**Muktaar Omar Ibrahim ta' 22 sena iben Ibrahim u Haweya imwieled Somalia fl-24 ta' Jannar 1988 u joqghod Marsa Open Centre detentur tal-karta ta'l-identita' numru 47368(A)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Muktaar Omar Ibrahim li permezz taghha huwa gie akkuzat talli fit-30 ta' Dicembru 2010 u fil-gimghat ta' qabel f'dawn il-Gzejjer:

1. Bil-hsieb li jaghmel xi qliegh li jkun, ghen, assista, ta parir jew habbrek biex persuna ohra tidhol jew taghmel tentattiv biex tidhol jew tohrog jew tghaddi minn jew taghmel tentattiv biex tghaddi minn jew taghmel tentattiv

biex tohrog minn Malta bi ksur tal-ligijiet ta’ Malta, jew li, sew f’Malta sew barra minn Malta, ikkongura f’dak is-sens ma xi persuna ohra, bi ksur ta’l-artikolu 337A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Ghen jew assista lil xi persuna biex tinsel l-art jew tittanta tinzel l-art f’Malta, jew li toqghod gewwa Malta, kontra d-disposizzjonijiet ta’l-Att dwar l-Immigrazzjoni, jew lil xi persuna biex tinzel l-art jew tittanta tinzel l-art, jew li toqghod gewwa, jew li titlaq minn xi Stat iehor bi ksur tal-ligi dwar id-dhul, ir-residenza u l-hrug ta’ dak l-Istat, bi ksur ta’l-artikolu 32(1)(a) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Ittrasferixxa lil xi persuna ohra passaport u cioe’ Alien’s passport bin-numru 9006273 mahrug lilu minn awtorita kompetenti bi ksur ta’l-artikolu 3(a) tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti.

Rat n-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’l-Avukat Generali tal-11 ta’ Mejju 2011.

Semghet lill-imputat jiddikjara illi huwa ma kellux oggezzjoni illi dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi,

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat,

Illi minn qari tan-nota ta’ rinviju ghal gudizzju jirrizulta illi l-imputat qed jigi addebitat lilu b’mod ewlieni ir-reat tat-traffikar tal-persuni sabiex dawn jiddahhlu jew jinhargu minn Malta kontra l-ligi. Jidher illi dana ir-reat irid isir bil-ghan illi jsir il-qliegh minn dina l-attivita’.

Illi mill-provi akkwizti f’dawn il-proceduri jirrizulta illi l-imputat kien qieghed jghin persuna ohra bl-isem ta’ Abubaker Adam Hassan sabiex jitlaq minn Malta b’mod

illegali. Dana peress illi Hassan ma kellux passaport u pprova jitlaq minn Malta fuq titjira lejn Bari bil-passaport ta'l-imputat. Jirrizulta illi l-imputat kien gie moghti *alien's passport* bin-numru 9006273 mill-awtoritajiet Maltin liema passaport kien validu sas-6 ta' Ottubru 2011.[1]

Illi Hassan u l-imputat jaghtu zewg verzjonijiet konfliggenti ta' dak li sehh. Illi Abubaker Adam Hassan isostni illi huwa kien ilu jaf lill-imputat madwar sitt xhur qabel dana il-kaz. Ighid illi l-imputat kien offrielu l-passaport tieghu sabiex ikun jista' jitlaq minn Malta. Ghal dan huwa tallbu is-somma ta' €650. Jidher illi Abubaker accetta dan. Il-ftehim intlahaq ghalhekk u l-istess Abubaker ighid illi hallas lill-imputat s-somma ta' €650. Inoltre jidher illi l-imputat tallbu depozitu ta' €400 u dana bhala garanzija ghar-ritorn tal-passaport tieghu. Fil-fatt Abubaker ighid illi huma ftiehmu illi hekk kif jasal Bari, u cioe' il-pajjiz fejn kien bi hsiebu imur, kellu jibghat il-passaport lura lill-imputat u dana minn naha tieghu kellu jirrifondilu d-depozitu ta' €400 hekk kif jircevi l-passaport. Wara dana huma marru ghand agenzija ta'l-ivvjagar fejn inxtara il-biljett. Abubaker isostni illi kien hu lli hallas ghal biljett ta'l-ajru lejn Bari, ghalkemm huma kienu marru flimkien sabiex jixtru il-biljett u fil-fatt il-biljett gie mixtri mill-imputat fuq ismu. Sussegwentement fit-30 ta' Dicembru 2010 ghal habta tas-7:30 ta' fil-ghaxija huma irhewlha lejn l-ajruport f'zewg vetturi separati. L-imputat wasal l-ewwel u mar jaghmel ic-*check-in*. Wara dana hareg, fejn barra l-ajruport kien qieghed jistennieh Abubaker. L-imputat ghaddielu l-passaport, il-*boarding card* u il-biljett u dana dahal u tela' hdejn id-*departure gate*, izda hemmhekk gie intercettat mill-pulizija u gie arrestat. Abubaker Hasan ghadda proceduri kriminali fuq dana il-kaz li illum ghaddew in gudikat.[2]

Illi kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija, kif ukoll meta huwa jaghti x-xhieda tieghu quddiem dina l-Qorti, l-imputat jichad dana kollu.[3] Huwa jikkontendi illi l-passaport tieghu gie f'idejn Abubaker peress illi gie misruq. Ighid illi huwa ighix gewwa l-Marsa Open Centre

---

[1] Ara Dokument GA3 a fol.10

[2] Ara xhieda ta' Abubaker Adam Hasan a fols. 7 et.seq.

[3] Ara stqarrija a fol.8 Dokument GA2 u xhieda ta'l-imputat a fols.53 et. Seq.

fejn hemmhekk jidhlu hafna nies. Isostni illi huwa kien ghamel xi gimgha nieqes minn hemm peress illi kien mar iqatta’ xi zmien go Hal Far u f’xi dar ohra vicin l-Open Centre ghand xi hbieb tieghu u meta irritorna huwa ighid illi sab il-passaport nieqes. Isostni illi huwa ghamel rapport ta’ dan gewwa l-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun, izda ma iressaq l-ebda prova dwar dan. Ighid illi lil Abubaker ma jafux u qatt ma iltaqa’ mieghu. Illi meta mistoqsi in kontro-ezami jekk huwa hax hwejjgu mieghu meta mar iqatta’ xi jiem ghand il-hbieb tieghu, iwiegeb illi huwa halla kollox fil-kamra tieghu gewwa l-Open Centre u kien ghamel gimgha shiha dejjem bl-istess hwejjeg.

Illi l-Qorti tistqarr minghajr tlaqliq illi lill-imputat ma temmnux. Illi l-prosekuzzjoni ipproduciet diversi xhieda li kollha jikkorroborraw il-verzjoni moghtija minn Abubaker. Ibda biex Elaine Debattista, ic-*check-in agent*, li kienet l-istess persuna li ghamlet ir-rapport mal-pulizija, tikkonferma fix-xhieda taghha illi fil-jum in kwistjoni kien l-imputat li kien mar sabiex jaghmel ic-*check in*. Hija gharrfet lill-imputat fl-awla. Issostni illi meta imbaghad telghet hdejn il-*boarding gate*, kienet ipprezentat ruhha persuna ohra li ma kienx l-imputat bl-istess passaport u kien hawn ghalhekk illi hija avzat lill-pulizija.[4] Dana jikkonferma dak li isostni Abubaker meta ighid illi kien l-imputat li ghamel ic-*check-in* u wara dana ghaddielu id-dokumenti kollha u hu tela’ sabiex jitla’ fuq l-ajruplan.

Xhud ohra li tikkorobbora dak li jghid Abubaker hija Marianne Azzopardi li hija impjegat fl-agenzija ta’l-ivvjagar Tim Travel gewwa l-Gzira li issostni illi kien l-imputat li mar sabiex jixtri il-biljett ta’l-ajru u li meta ghamel dana huwa kien akkompnjat minn tnejn minn nies ohra. Wiehed minnhom telaq ‘il barra ghax irceva telefonata, filwaqt li l-iehor baqa’ mieghu sabiex jispjegalu dak li kien qed jigri peress illi ma kienx jitkellem bl-Ingliz sew. Tikkonferma illi huwa ghaddielha l-passaport tieghu u hadiltu kopja ta’l-istess, liema kopja hija esebiet fil-kors tax-xhieda taghha.[5]

---

[4] Ara xhieda ta’ Elaine Debattista a fol.11 et.seq.

[5] Ara xhieda ta’ Marianne azzopardi a fols. 15 et.seq u Dokument MA a fols. 20 u 21.

Il-Qorti ghalhekk temmen bi shih il-verzjoni moghtija minn Abubaker Adam Hassan liema xhieda hija wahda coerenti u ghandha is-sostenn tax-xhieda l-ohra li xehdu f'dina il-kawza. Illi l-imputat ghalkemm ighid illi il-passaport insteraqlu madanakollu ma iressaqx prova wahda li issostni dak li jallega. Anke il-fatt illi ighid illi dana l-passaport insteraqlu meta kien qieghed iqatta' xi jiem ghand shabu ma taghmilx sens. Huwa inverosimili illi l-imputat ihalli l-affarijiet personali gewwa l-Open Centre ghal dana t-tul ta' zmien, inklux ovvjament il-passaport, minghajr ma jiehu l-ebda prekawzjoni. Ma jidhirx lanqas illi ghamel xi rapport man-nies responsabbli mill-Open Centre ghal fatt illi insterqulu l-affarijiet tieghu jew ghal ta'l-anqas ma iressaqx provi dwar dan. Kif inhu inverosimili ukoll l-fatt illi huwa mar iqatta' gimgha mal-hbieb tieghu u baqa' dejjem bl-istess hwejjeg. Ghalhekk fid-dawl ta' dana kollu ma hemmx dubbju dwar il-htija ta'l-imputat.

Illi l-abbli difensur ta'l-imputat jikkontendi illi l-imputat qatt ma jista' jinstab hati tar-reat ikkunsmat peress illi mill-provi mismugha jirrizulta li dana kien kaz ta' tentattiv. Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma' dina il-linja difensjonali. Jekk wiehed jara id-dicitura tal-ligi in kwistjoni u cioe' l-artikolu 337A tal-Kapitolu 9 jirrizulta illi anke il-persuna li thajjar, taghti parir jew thabbrek sabiex persuna ohra tohrog jew "**taghmel tentattiv biex tohrog minn Malta bi ksur tal-ligijiet ta' Malta**", hija hatja ta' dana ir-reat. Kwindi f'dina id-disposizzjoni tal-ligi ir-reat ikkunsmat jitqieghed *a pari passu* mat-tentattiv tar-reat u kwindi il-piena hija l-istess.

Illi dwar l-akkuzi l-ohra ai termini ta'l-Kapitolu 217 u il-Kapitolu 61, ghandu japplika l-artikolu 17(h) billi dawn jistghu jitqiesu bhala mezz ai fini tal-kummissjoni tar-reat ewlieni tat-traffikar tal-persuni u kwindi il-Qorti ser tghaddi biex tinfliggi piena biss ghar-reat l-iktar gravi u cioe' dak ikkontemplat fl-artikolu 337A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tghaddi biex tinfliggi piena karcerarja effettiva li mhix ser tkun fil-minimum taghha peress illi l-imputat ghazel li jahbi il-verita u jigdeb taht gurament.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 337A u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 32(1)(a) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 3(a) tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sentejn prigunerija, li minnhom irid jitnaqqas z-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------